KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 61

L-EWWEL LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 61

Il-Ħamis 24 ta' Settembru, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa. Francesca Attard – Viċi Sindku Għargħur

ASSENTI

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Francesca Attard, sabiex tinfurmawna li ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

61.1.2 Il-membri preżenti approvaw din l-ittra t'apoloġija.

61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

61.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 60 li nżammet nhar it-Tnejn 24 ta' Awwissu 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

61.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Charles Selvaggi, sekondat mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo.

61.2.3 *17:02pm – Is-Sindku ta' Tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, wasal għal din il-laqgħa.*

61.3 Preżentazzjoni mill-*Waste Coordinator Manager,* Ryan Zammit

61.3.1 Il-President informa kif wara qbil li kien hemm fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, għal din il-laqgħa kien preżenti s-Sur Zammit sabiex il-membri preżenti jkunu nfurmati bil-punti li kienu ġew imressqa mis-Sindki li laqgħu l-istedina li tinżamm laqgħa dwar dan u b'hekk ser ikunu qed jiġu mressqa għas-sejħa l-ġdida tal-ġbir ta' l-iskart domestiku.

61.3.2 *17:07pm – Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, wasal għal din il-laqgħa.*

61.3.3 Is-Sur Zammit taha spjegazzjoni tal-informazzjoni li kienet miġbura mis-Sindki tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun u nżammet diskussjoni fit-tul bejn il-membri preżenti dwar dak li kien ġie ppreżentat.

61.3.4 Il-President irringrazzja lis-Sur Zammit talli kien preżenti u talbu sabiex joħroġ mill-kamra sabiex titkompla l-laqgħa.

61.4 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa mad-Direttur Ġenerali mid-Diviżjoni ta' l-Indafa Pubblika u Manutenzjoni*

61.4.1 Il-President informa kif fuq talba mir-Reġjun, inżammet laqgħa mas-Sur Jude Zammit nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2026.

61.4.2 Is-Sur Chircop kif din il-laqgħa ta' introduzzjoni ġew diskussi diversi punti u kien hemm anke tgħarif fuq proġett pilota li din id-Diviżjoni jixtiequ li tiġi implimentata.

61.4.3 Inżammet diskussjoni fit-tul dwar dan bejn il-membri preżenti.

- *Inawgurazzjoni tal-isfera armillari*

61.4.4 Il-President għamel referenza għal din l-attività li kienet inżammet nhar il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu ġewwa l-Gżira u rringrazzja lil dawk kollha li kienu preżenti.

- *Żjara ġewwa Pantellaria*

61.4.5 Il-President għamel referenza għal din iż-żjara li kien għamel hu flimkien mal-Maniġer ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, u l-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej, is-Sa Martina Sammut. Hu qal kif l-pass li jmiss hu dak li tiġi evalwata l-informazzjoni miġbura sabiex jitwaqqaf Focus Group mal-partijiet lokali interessati sabiex tinkiseb informazzjoni kwalitattiva dwar is-sitwazzjoni tat-turżimu u l-ilma f'Malta.

61.4.6 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Zammit, ġibed l-attenzjoni dwar il-laqgħa li kienet inżammet ġewwa Pembroke minħabba dan il-proġett u qal kif il-bdil tad-data fl-aħħar ħin kienet diffiċli għalieh biex ikun preżenti.

61.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-laqgħa kienet qed tiġi kkoordinata flimkien mar-rappreżentanti barranin u kif il-bdil kien minn naħa tagħhom. Madanakollu hi nfurmat li se tivverifika dan kollu mal-Maniger responsabbli mill-koordinament ta' din il-laqgħa u proġett.

- *Elodge*

61.4.8 B'referenza għal dan it-titlu, il-President fakkar lill-Kunsilli tal-Gżira u ta' Pembroke sabiex jaraw li l-kwestjonarju jkun imwieġeb mill-Kunsilliera u impjegati wkoll. Hu qal ukoll kif jekk hemm xi Kunsill li għandu xi diffikulta dwar dan, għandhom jirreferu għand l-AKL.

61.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

61.5.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mingħand il-membri tar-Reġjun.

61.6 Rapporti

61.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq f'din il-laqgħa.

61.6.2à Il-President qal ukoll kif ir-Reġjun għadu qed jistenna tweġiba mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar il-pagamenti pendenti.

61.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *European Cooperation Call 2026*

61.8.1 Il- President informa kif dan ir-Reġjun kellu laqgħa ma' *partner* potenzjali fl-Ungerija għall-proġett bl-isem ta' 'Moving Roots'. Hu spjega kif dan se jinvolvi wkoll sħubija ma' *partner* fl-Ukrajna u kif dan il-proġett se jkun iffinanzjat li jippromwovi l-kanzunetti u zfin folkloristiku minn kull pajjiż, u din ser tiġi ppreżentata f'kull wieħed mill-pajjiżi msieħba.

61.8.2 Is-Sur Chircop kompla jispjega kif dan ir-Reġjun jistà jikkollabora ma' grupp folklorisitku lokali biex jorganizza sensiela ta' workshops dwar żfin u mużika fokloristika immarati lejn iż-żgħażagħ. Ir-Reġjun jixtieq ikompli jesplora din il-possibilità ta' sħubija.

61.8.3 Il-membri preżenti approvaw din il-kollaborazzjoni.

- *Skema Finanzjarja mill-Kunsill Reġjonali Lvant Nru 2*

61.8.4 B'referenza għal din l-iskema, il-President informa kif il-Kunsill Lokali tal-Imsida kien qed iressaq talba sabiex jingħataw estensjoni tad-data ta' l-għeluq għal meta' jispiċċa x-xogħol fl-aħħar ta' Jannar 2027.

61.8.5 Il-membri preżenti laqgħu din it-talba u għal din ir-raġuni, dan il-Kunsill ser ikun qed jiġi nfurmat bil-miktub dwar dan.

- *Il-Ġimgħa Ewropea għat-Tnaqqis tal-Iskart 2026*

61.8.6 B'referenza għal dan, il-President informa kif dan ir-Reġjun qed iressaq proposta sabiex jiġu organizzati żewġ *workshops* sabiex ir-Reġjun flimkien mal-Kunsill Lokali jqajjem aktar għarfien dwar it-tema ta' din is-sena - suffiċjenza tal-materjal.

61.8.7 Is-Sur Chircop qal kif l-ewwel *workshop* ser ikun bl-isem 'Waste Not, Want Not' fejn se jinżamm *workshop* ta' sagħtejn minn Healthyliscious nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru 2026 ġewwa l-iskola St Elias, Santa Venera.

61.8.8 Il-kwotazzjoni ppreżentata ġiet approvata mill-membri preżenti.

61.8.9 Il-President qal ukoll kif il-proposta għat-tieni *workshop* kien bl-isem 'Stitch and Save' fejn ser isir *workshop* ta' sagħtejn minn Babbet's Thread (Iklin) li kienet l-orħos kwotazzjoni minn dawk miġbura.

61.8.10 Is-Sur Chircop spejga kif matul dan il-*workshop* il-parteċipanti ser ikunu qed jiġu mgħalma affarijiet bażiċi tal-ħjata bħal ma tħit buttuna, jew tagħmel keffa minflok tarmi l-ħwejjeġ li għandek.

61.8.11 Il-membri preżenti approvaw din il-proposta u l-kwotazzjoni preżentata u kien hemm qbil sabiex jekk id-domanda tkun waħda ikbar minn dak pjanat, ir-Reġjun jistà jikkunsidra jgħamel workshop addizzjonali.

61.8.12 Is-Sur Chircop semma wkoll kif għalkemm dawn il-*workshops* ser isiru bla ħlas, hu ppropona sabiex il-parteċipanti jiġu mitluba jgħatu €10 donazzjoni b'risq Fondazzjoni Sebħ li hija NGO f'Malta li toffri servizzi ta' appoġġ u protezzjoni lil tfal, familji u persuni vulnerabbli. Tgħin lil dawn il-persuni permezz ta' akkomodazzjoni, kura, counselling u programmi ta' sostenn biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom.

61.8.13 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

- *Pink October 2026*

61.8.14 Il-President informa kif din l-attività se tinżamm nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru u l-ġbir ta' fondi mit-tombla se jingħataw lill-Action for Breast Cancer Foundation Malta. Hu fakkar kif l-attività se ssir ġewwa l-Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, bejn is-2:30 p.m. u s-6:00 p.m. Hu ħeġġeġ sabiex ikun hemm parteċipazzjoni.

- *Movember 2026*

61.8.15 Il-President informa kif ir-Reġjun qed jieħu ħsieb il-preparamenti meħtieġa sabiex terġa tintlagħab logħba futbol bejn is-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u Impjegati tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun kontra il-priġuniera fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

61.8.16 Is-Sur Chircop qal ukoll kif miż-żewġ dati proposti kien jidher li l-maġġoranza jistgħu nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2026.

- *CERV Town Twinning Opportunities - Municipalities in Malta*

61.8.17 Il-President informa kif il-Maniġer tal-Kultura, is-Sur Hamberger, kien bagħat emejl dwar din l-opportunità lill-Kunsilli Lokali u sad-data stipulata kien hemm interess minn Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex biss.

61.8.18 Hu nforma kif għal din ir-raġuni, dan ir-Reġjun mexa ma dan il-Kunsill bil-ħsieb li parti minn dan il-proġett ikun inkorporat fl-avveniment annwali – *Connecting Through Cultures.*

- *OSCE – Anti-Muslim Workshop*

61.8.19 Il-President informa kif dan ir-Reġjun kien irċieva talba minn GMD Global. Hu spjega kif din hija entità li ħdimna magħha fil-passat fuq inizjattivi relatati mal-integrazzjoni u kif se ssir inizjattiva tal-OSCE f'Malta dwar il-ġlieda kontra l-mibgħeda lejn il-Musulmani.

61.8.20 Is-Sur Chircop spjega kif GMD Global tixtieq torbort din l-attività ma' avveniment jew attività tal-Kunsilli Lokali li se jsiru f'Ottubru u għal din ir-raġuni, hu ħeġġeġ lill-lokalitajiet jgħamlu kuntatt magħhom jekk ikollhom avveniment f'Ottubru.

- *Workshops tal-Presepji*

61.8.21 Il-President informa kif sensiela ta' dawn il-*workshops* kienu se jerġgħu jiġu organizzati bejn Ottubru u Novembru u se jkun miftuħ għal żewġ gruppi. Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda il-kwotazzjoni sabiex jinżammu dawn il-*workshops* għall-prezz ta' €3,000 fejn fihom jinkludi ukoll il-materjal sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn il-presepji.

61.8.22 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

61.8.23 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, staqsa x'jiġri minnhom il-prespji wara li jkunu lesti.

61.8.24 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-presepji jieħduhom il-parteċipanti li jkunu għamluhom u kif s-sena l-oħra l-istess presepji kienu eżebiti waqt ic-*Chapel Hop* li kienet inżammet f'Diċembru.

- *Ikla tal-Milied 2026*

61.8.25 B'referenza għall-ikla tal-milied li tinżamm kull sena għas-Sindki jew rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun flimkien mal-impjegati, is-Sur Chircop ippropona li din l-ikla tinżamm nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2027 sabiex il-maġġoranza jkunu jistgħu jattendu.

61.8.26 Kien hemm qbil dwar dan u għal din ir-raġuni se jinġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji.

- *Kwotazzjonijiet*

61.8.27 Il-President ressaq fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet sabiex jingħataw l-approvazzjoni mill-membri preżenti.

61.8.28 Kowtazzjonijiet sabiex ikun hemm *attendant* ma' l-istand tal-VR Tours ġewwa Science in the City f'Settembru 2026. Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta min Afterglow Events għall-prezz ta' €566.40.

61.8.29 Kwotazzjonijiet għas-setup tal-VR Cinema ġewwa Science in the City fejn ġiet approvata l-orħos kwotazzjoni provduta minn Signit għall-prezz ta' €1958.80.

61.8.30 Qed ingibu kwotazzjojijiet ghal tote bags bil-logo tar-Regjun sabiex jitqassmu lis-studenti bhala parti mis-sterter pack. L-Ahjar quotation li ghadna sa issa hija €1,593 including 18% VAT for 1,000 Tote Bags mingħand Corporate Gifts Malta.

61.8.31 Kwotazzjonijiet sabiex jinżamm il-kors tal-ħjata fejn l-orħos kwotazzjoni magħżula kienet dik mingħand Babette's Thread għall-prezz ta' €250.00.

61.8 Sejħiet ta' Offerti u Kwotazzjonijiet

- *Aġġornament fuq il-Kwotazzjonijiet fuq is-sistema ta' l-EPPs*

61.8.1 B'referenza għal dan, il-President informa kif l-forniturи għall-ktieb ta' virtualmalta.com intgħażlu permezz tal-proċess CFQ. Il-forniturи huma MJ għad-disinn, il-pubblikazzjoni, il-marketing u l-editjar, u Salander Group għall-istampar.

61.8.2 Is-Sur Chircop qal ukoll kif il-ġimgħa d-dieħla se jsiru laqgħat mal-forniturи sabiex jiġu ffirmata l-kuntratti u jibda x-xogħol.

- *Sejħa ta' Offerti għal Mechanical Enġineer*

61.8.3 B'referenza għal din is-sejħa li kienet ġiet ippublikata, il-President informa kif kellha tittieħed deċiżjoni u din is-sejħa tiġi kkanċelletta waqt li kien għaddej il-perjodu ta' kjarifiċi. Kien hemm żball fil-formula tal-Financial Bid u kien hemm xi punti żgħar li tajjeb li jkunu ndirizzata. Apparti minn hekk id-Dipartiment tal-Kuntratti qalulna biex l-ispiża tkun kwantifikata b'rata u b'hekk l-baġit għal din is-sejħa jrid jiżdied minn €20,000 (bla VAT) għal €30,000 (bla VAT). Għal din ir-raġuni din is-sejħa ser tkun qed terġa tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin.

61.8.4 Il-membri preżenti approvaw dan il-baġit allokat għal dan il-kuntratt.

61.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

61.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

61.9.2 Il-President informa kif fl-iskeda ta' pagamenti l-pagament tal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart ser jinħareġ sħieħ.

61.9.3 Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri preżenti.

61.9.4 Il-President għamel referenza għal Skeda Finanzjarja 57A (spejjeż tar-Reġjun) fejn informa li kien qed jiġi kkanċellat l-pagament numru 73 – li kien għal Kunsill Lokali ta' Pembroke rigward l-ispejjeż li sar fuq il-proġett tal-latrina. Dan il-pagament kellu jsir lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, u qed jiġi inkluż f'din l-iskeda nin-numru tal-pagament

61.9.5 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 58A u 58B.

61.9.6 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com*

61.9.7 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, staqsa jekk il-bord tal-finanzi tar-Reġjun kienx iltaqà sabiex jiġi diskuss il-possibilità li jinħarġu skemi finanzjarji għall-Kunsilli Lokali b'mod speċjali l-iskema li tinħareġ kull sena fuq it-tiżjin tal-Milied.

61.9.8 Il-President spjega kif il-bord kien għadu ma ltaqax minħabba l-pagamenti pendenti li kien semma hu ftit aktar kmieni matul din il-laqgħa u li wieħed irid jikkunsidrom qabel ikun f'pożizzjoni tajba li jimxi 'l quddiem.

61.9.10 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti u kien hemm qbil li l-iskema marbuta mat-tiżjin tal-Milied ser tkun qed tiġi ikkunsidrata wara li jiltaqà l-bord fil-ġranet li ġejjin. Kien hemm qbil ukoll li s-sejħa ser tkun miftuħa kemm għal tiżjin kif ukoll għall-avvenimenti marbuta ma' żmien il-Milied.

61.10 Mozzjonijiet

61.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

61.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

61.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru 2026, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 19 t'Ottubru, 2026.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv